MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 47/2010

Banif Bank (Malta) plc [C 41030]

vs

Neil Philip Duffy u Kim Duffy

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2010, li jaqra hekk :

' Il-kumpanija attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank is-somma ta' elf mitejn u tlieta u tletin Euro u sitta u tletin centezmi (€1,233.36), rapprezentanti ammont dovut fuq il-Kont Kurrent bin-numru 59323-10-001 li ghandhom mal-kumpanija attrici, u liema somma tinkludi l-imghax li sal-21 ta' Ottubru 2010, kien ta' sitt Euro u wiehed u tmenin centezmi (€6.81). L-ammont mitlub hu kif jidher fil-*bank statement* hawn anness u markat Dok.A ;

Interpellati sabiex ihallsu, fosthom permezz ta' zewgt ittri legali datati 8 t'April 2010 u 14 ta' Gunju 2010, kif ukoll ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u datata 24 t'Awwissu 2010, il-konvenuti baqghu inadempjenti. Kopji ta' dawn l-ittri qed jigu hawn annessi u markati Dok. B, Dok. C, u Dok. D rispettivament ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali datati 8 t'April 2010 u 14 ta' Gunju 2010, kif ukoll ta' l-ittra ufficjali datata 24 t'Awwissu 2010, u l-mandat ta' sekwestru prezentat flimkien ma' l-imsemmija ittra ufficjali, u bl-imghax pagabbli mill-21 ta' Ottubru 2010, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.' ;

Ra li l-konvenuti debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqghu ma dahhlux risposta u lanqas ma deheru quddiem it-Tribunal biex jikkontestaw it-talba tal-Bank attur ;

Sama' l-provi ;

Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar 2011, xehedet Amanda Attard, impjegata tal-Bank u spjegat li l-konvenuti kellhom *current account* mal-Bank attur bin-numru 00059323-10-001, u gibdu flus minnu f'ammont aktar milli kellhom depozitati, u hallew bilanc ta' dejn fil-Kont ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97). Esibiet rendikont aggornat inkluz bl-imghaxijiet sat-28 ta' Jannar 2011. Il-konvenuti baqghu m'ghamlu ebda hlasijiet minkejja li sarulhom diversi nterpellazzjonijiet bil-miktub biex jirregolarzzaw il-pozizzjoni taghhom. Fl-istess udjenza gew ipprezentati kapitoli mill-Bank attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti ;

Fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2011, gew miftuha l-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenuti wara li gew debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi, il-kapitoli gew miftuha u approvati, u mehuda li gew mistqarra mill-konvenuti ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li l-konvenuti kellhom *current account* mal-Bank attur bin-numru tal-Kont 00059323-10-001, u gibdu flus minnu f'ammont aktar milli kellhom depozitati, u hallew bilanc ta' dejn fil-Kont ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97). L-ahhar ammont ta' flus li ngibed mill-Kont kien ta' tliet mitt Euro (€300) fit-30 ta' Jannar 2010, u l-konvenuti hallew bilanc ta' dejn li kien jammonta ghal elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97) ;

Il-Bank attur bil-kapitoli tieghu ried jipprova li l-ammont kollu minnu mitlub minghand il-konvenuta huwa dovut. Rigward il-valur probatorju tal-kapitoli dan it-Tribunal mhuwiex obbligat li joqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta. Inghad li 'huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja tieghu, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dan ma jfissrix li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawn il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra' (Prim'Awla , **Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et**, 28/06/1952). Inghad ukoll illi l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-attur irid jipprova l-pretensjoni minnhu vantanta sabiex tirnexxi l-azzjoni tieghu. 'L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci - fis-sens pjen tal-kelma' ....... 'u l-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da

parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.' [Appell Inferjuri, **Fenici Insurance Agency Ltd. vs Paul Stoner et**, 22/11/2002; Qorti Tal-Appell, **Joseph Vella vs Pierre Cremona**, 10/10/2003] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi u d-dokumenti kollha b'mod partikolari l-*statements* esibiti, u jqis li t-talba tal-Bank ghandha tintlaqa' limitatament ghas-somma ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1022.97), ammont li effettivament ingibed mill-konvenuti, bl-imghax fuq din is-somma irid jigi kalkolat bis-sistema normali kif stabbilit fil-Kodici Civili b'effett mit-22 ta' Jannar 2010, meta l-Kont gie *overdrawn* b'ammont ta' sitt mija u disa' u sittin Euro u disa' u disghin centezmi (€669.99), u mbaghad regghet ingibdet minnu somma ohra ta' tliet mitt Euro (€300) fit-30 ta' Jannar 2010. Dan it-Tribunal ma jqisx gustifikata t-talba tal-Bank li jzomm hlasijiet zejda f'imghax kompost, *bank charges*, u drittijiet legali li bihom gie addebitat ukoll il-Kont tal-konvenuti ;

Ghaldaqstant it-talba tal-Bank attur hija gusta u timmerita li tigi milqugha limitatament pero' ghall-ammont ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97) ghar-ragunijiet hawn fuq spejgati ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament pero' ghall-amont ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97), u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-Bank attur din is-somma ta' elf u zewg Euro u sebgha u disghin centezmi (€1002.97), ammont dovut ghar-ragunijiet spjegati fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali b'effett mit-22 ta' Jannar 2010, skond il-bilanc tad-debitu fil-Kont, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 t'Awwissu

2010 (Ittra numru 117/2010), u tal-mandat ta’ sekwestru numru 177/2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------